# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001**

**Numru 5**

**Citaz. numru: 391/95 NA**

**Emanuel u Rita konjugi Fava**

**vs**

**Manwel Duca**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fejn ippremetta:

"Illi fil-25 ta' Lulju 1994, f'xit-3.30 p.m. fi Triq Francis Zahra, Mellieha, il-konvenut, waqt li kien qed isuq il-vettura Numru ta' Registrazzjoni R-6935, bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-vettura Numru ta' Registrazzjoni W-4753 di proprieta' ta' l-atturi;

Illi b'konsegwenza ta' tali kollizzjoni li grat b'tort esklussiv tal-konvenut, l-atturi sofrew danni ngenti fil-vettura tieghu, komprizi l-*loss of use*, liema danni jammontaw ghas-somma komplessiva ta' Lm841.12, u ghal liema danni huwa responsabbli lejn l-atturi l-konvenut, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas da parte ta' l-atturi, inkluzi talba permezz ta' ittra ufficjali datat 30 ta' Novembru 1994, il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallasx;

TALBU li din il-Qorti:

1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Lulju 1994 f'xit-3.30 p.m. fi Triq Francis Zahra, Mellieha meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Numru ta' Registrazzjoni R-6935, bi traskuragini, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-vettura Numru ta' Registrazzjoni W-4753, proprieta' ta' l-atturi, u ghalhekk hu wkoll

responsabbli ghall-konsegwenti danni minnu kkagunati lill-atturi;

2. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tmien mija u wiehed u erbghin lira Maltija tnax-il centezimu (m841.12) rapprezentanti d-danni kompriz il-*loss of use* sofferti mill-atturi fl-incident premess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Novembru 1994, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur Emanuel Fava w id-dokumenti esebiti mill-atturi.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. “Jammetti l-ewwel talba ta' l-atturi;

2. Fir-rigward tat-tieni talba, il-*quantum* tad-danni pretiz huwa esagerat stante li dan ma jirriflettix id-danni

realment u materjalment subiti mill-atturi fil-kollizjoni *de quo*;

3. Qabel l-atturi ntavolaw dawn il-proceduri, l-eccipjent kien dispost ihallas id-danni li huwa realment u materjalment ikkaguna u ghalhekk m'ghandux ibati spejjes;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u d-dokument minnu esebit.

B'digriet taghha tas-16 ta' Ottubru 1995, gie nominat bhala Espert Tekniku Joseph Zammit sabiex jirrelata dwar id-danni wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Zammit, mahluf fid-9 ta' Dicembru 1996. Il-Perit Tekniku zamm access fil-garage ta' l-attur sabiex jezamina l-partijiet li kienu gew mibdula fil-karozza in konnessjoni ma' din il-kawza. Il-partijiet li ezamina l-Perit Tekniku kienu tal-karozza marka Vauxhall Nova u kienu jikkonsistu f'(1) *tail gate*; (2) *mudguard* ta' quddiem tal-lemin; (3) zewg bibien tal-lemin, il-*passenger door* u ta' wara

parigga.  Skond il-Perit Tekniku, il-hsara fit-*tail gate* u fil-*mudguard* kienet tikkonsisti f'taghtin u tkebbib.  Izda l-hsara fiz-zewg bibien imsemmija kienet tikkonsisti f'taghtin mhux tant fil-fond, liema taghtin kien jinsab in-naha ta' fuq, taht il-frame tal-hgieg tal-bibien.

Illi l-Perit Teklniku ezamina d-dokumenti kollha esibiti fil-process ta' din il-kawza, u skond l-iskizz irrizultalu li l-karozza ta' l-attur Vauxhall Nova bin-numru tar-registrazzjoni W-4753 kienet involuta f'incident fejn "*garrbet hsara fuq il-genb kollu tan-naha tal-lemin, meta bil-quddiem tal-Box Van Isuzu tan-naha tal-lemin intlaqat fil-genb imsemmi tal-Vauxhall Nova.*"

Illi skond il-Perit Tekniku, "*it-tail gate kif ukoll il-mudguard ta' quddiem tal-lemin it-tnejn kienu fi stat li ma setax isir panel beating fuqhom u ghalhekk dawn it-tnejn kienu jinhtiegu li jigu mibdula.*"  Pero' skond il-Perit Tekniku, fil-kaz taz-zewg bibien li gew mibdula, allavolja kellhom hsara ta' taghtin, "*kien bizzejjed illi minflok li dawn il-bibien gew mibdulin shah, "door shell", kien bizzejjed illi tigi mibdula l-qoxra ta' barra, d-"door skin", billi l-construction taghhom u l-frame taghhom ma kienx garrab l-ebda hsara.*"

Illi l-prezz li l-attur hallas ghal dawn iz-zewg bibien godda u li xtara minghand l-agenti United Automobiles Ltd. kien ta' mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm255.62c). Illi mill-indagini li ghamel il-Perit Tekniku, il-prezz tal-qxur tal-bibien ("*door skins*") jinbieghu hamsin lira Maltin (Lm50), u sabiex dawn il-qxur jigu mibdulin jinhtieg li jsir xoghol ta' *panel beating* li jammonta ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) il-wahda. Illi ghalhekk skond il-Perit Tekniku li kieku gew mibdulin il-qxur tal-bibien biss, dawn kienu jistghu jsiru ghall-prezz ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150), u b'hekk il-Perit Tekniku ssottometta li mill-kont globali ghandu jitnaqqas is-somma ta' Lm105.62 ta' dak li gie minfuq zejjed.

Il-Perit Tekniku fir-rapport tieghu kkonkluda billi ghamel stima tal-partijiet kollha li gew mibdulin mill-karozza u tax-xoghol kollu li sar fuq il-vettura in kwistjoni u wasal ghall-ammont ta' Lm641.50c0, bhala s-somma globali li ghandu jiehu l-attur.

Ikkunsidrat:

Illi ghal zmien twil il-process kien mitluf u ma kienx a disposizzjoni tal-Qorti almenu mis-seduta tal-11 ta' Frar 1997 sa dik tat-2 ta' Gunju 1999.

Fis-seduta tal-11 ta' Frar 1997 id-difensur ta' l-attur talbet il-fakolta', lilha koncessa, li taghmel nota ta' kritika tar-rapport peritali, liema nota baqghet ma saritx. Invece b'rikors tal-24 ta' Marzu 1997 il-Qorti giet mitluba w ukoll akkordat li jigi eskuss il-Perit Tekniku, liema talba giet ripetuta b'rikors iehor tas-17 ta' Ottubru 1997. Peress illi l-process ma kienx a disposizzjoni tal-Qorti sas-seduta tat-2 ta' Gunju 1999 il-Qorti pprovdiet f'dik is-seduta illi l-eskussjoni kellha ssir fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 1999 bil-hin. Il-Perit Tekniku kellu jigi ngunt mill-atturi. Dan pero' ma sarx anqas minkejja illi l-Qorti kkoncediet zewg differimenti ohra ghal dan l-iskop, sakemm fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2000, fejn kien deher biss id-difensur tal-konvenut, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum u l-Qorti ma tara li ma tezisti ebda raguni l-ghala l-istess sentenza ma ghandhiex tinghata.

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tal-meritu l-ewwel talba attrici dwar ir-responsabbilita' ghall-incident in kwistjoni giet ammessa fl-ewwel eccezzjoni tal-konvenut li pero' kkontesta l-*quantum* tad-danni pretizi.

Fir-rigward tad-danni likwidati, stante n-natura teknika tal-kaz, il-Qorti jidhrilha li, hlief ghal dak li ser jinghad, ghandha tistrieh fuq ir-rapport tekniku. Fl-ewwel lok, ghalhekk, qieghdha taccetta illi kellhom mibdula l-qxur tal-bibien biss u mhux jinxtraw bibien godda u dan in vista ta' l-obbligazzjoni ta' l-atturi li jimminimizzaw id-danni. B'dan il-mod id-danni ghandhom jonqsu b'Lm105.65. Fit-tieni lok, pero', il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-istima maghmulha mill-istess Perit Tekniku fil-pagna 10 tar-rapport tieghu (a fol. 36). F'din l-istima l-Perit naqas milli jinkludi Lm25 ghax-xoghol ta' *panel beating* ghal kull bieba f'kaz fejn kellhom jinbidlu biss l-qxur tal-bibien (l-ammont ta' Lm140 ghal *panel beating* ma jistax jinkludi dan ix-xoghol ghax dan l-ammont huwa preciz l-ammont mitlub mill-attur ghal *panel beating* iehor - vide Dokument "B" a fol. 9 tal-process). Oltre l-istess Perit Tekniku ma ta ebda raguni l-ghala ma kienx qed jaccetta l-ammont pretiz ghal li *spray* ta' Lm165, ammont ukoll sostanzjat mill-atturi bl-istess Dokument "B". In ogni caso u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz anke jekk dan

l-ahhar fatt kellu jigi njorat mill-Qorti l-ammont offert mill-assikurazzjoni tal-konvenut ta' Lm461 (vide fol. 18) ma kienx ammont realistiku konsiderat id-danni sofferti mill-atturi, li ghalhekk ragonevolment ma accettawx din l-offerta ghal liema raguni t-tielet eccezzjoni tal-konvenut hija michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti fuq ammissjoni ta' l-istess konvenut tilqa' l-ewwel talba attrici u:

1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Lulju 1994 f'xit-3.30 p.m. fi Triq Francis Zahra Mellieha meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Numru ta' Registrazzjoni R-6935, bi traskuragini, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habat mal-vettura Numru ta' Registrazzjoni W-4753, proprieta' ta' l-atturi, u ghalhekk hu wkoll responsabbli ghall-konsegwenti danni minnu kkagunati lill-atturi;

2. tilqa' t-tieni talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma komplessiva ta' seba' mija u hamsa u tletin lira

Maltin u hamsin centezimu (Lm735.50c0) [Lm841.12 - Lm105.62) rapprezentanti d-danni komprizi l-*loss of use* sofferti mill-atturi fl-incident premess.

U dana bl-imghax legali kif mitlub kif ukoll bl-ispejjes kif mitluba.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.